MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 112/2009

Allied Newspapers Limited (C308)
vs
MCRM Caterers Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tmien mija u ghaxar ewro u tlettin ewro centezmu (€810.30) prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' rikorrenti fuq ordnijiet tas-socjeta' intimata;

Illi nonostante li giet diversi drabi interpellata sabiex tersaq ghal hlas baqghet inadempjenti;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u r-rapprezentanti tas-socjeta' intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-28 ta’ Settembru, 2009 mill-Avukat Josette Grech u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------